DR. DAMIAN BIGENI LL.D.

Legal & Consultancy

10 ta' Gunju 2020

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
11 JUN 2020
ST. FRANCIS RAVELIN
FLORIANA

**The Secretary**
**Environment and Planning Review Tribunal**
St Francis Ravelin,
Floriana, Malta

**APPELL**

Sinjur/a,

---

**Re.** **RG/00109/20**
**Flat no. 3, Salvatur Flats, Triq ta' Barda, Marsalforn - Gozo**
**To regularize flat at second floor level as built**
**Applicant: Charles Gatt**

---

Nikteb ghan-nom ta' **Charles Gatt**, karta tal-identita' numru 20775(G) ta' "Serendipity", Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex illi bil-prezenti jappella mid-decizjoni mehuda fid-19 ta' Mejju 2020 ai termini ta' liema l-applikazzjoni fuq imsemmija giet meqjusa bhala invalida *ab initio*, tant illi anqas biss ma giet riferuta lill-Bord opportun.

L-aggravji tal-mittenti huma s-segwenti:

1. Fl-ewwel lok, l-applikazzjoni kellha *sempre e comunque* tigi impoggija quddiem l-Onorabbli Bord sabiex ikun l-istess Bord illi jilqa' jew jirrifjuta l-istess. F'dan il-kaz konkret pero, u bir-rispett dovut, l-ufficjal tal-Awtorita assuma rwol ta' *judge, jury* u *executioner* u qabad u invalida l-applikazzjoni minghajr biss ma' din tressqet quddiem il-Bord relattiv. Din l-awtorita u din id-diskrezzjoni hija riservata biss a favur tal-Bord, u kif inghad huwa biss il-Bord li jista' jilqa' jew jirrifjuta applikazzjoni;

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal dak premess, id-decizjoni li ttiehdet sabiex l-applikazzjoni giet invalidata ttiehdet abbazi ta' interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tar-Regolament 4(5)(d) tal-Avviz Legali 285 tas-sena 2016, u dan kif sejjer jirrizulta fil-mori tat-trattazzjoni ta' dan l-appell; u

3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghal dak premess, hemm numru ta' permessi li nhargu f'cirkostanzi illi huma simili ghal dawk tal-kaz prezenti, u ghalhekk l-istess ragunament kellu jigi adottat f'dan il-kaz konkret.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk kollha li ser jirrizultaw fl-istadju tat-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-mittenti jitlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Tribunal joghogbu japprova l-permess mitlub huwa stess, u kemm-il darba dan mhux possibbli illi l-applikazzjoni tintbaghat lill-ewwel

bord bil-ghan illi din tkun tista' tigi kkunsidrata u approvata minnu; u dan taht dawk il-proveddimenti illi dan l-istess Tribunal jista' jidhirlu xierqa u opportuni skont il-kaz.

Filwaqt illi nirringrazzjak tal-attenzjoni.

Inselli ghalik,

**Dr. Damian Bigeni LL.D**

cc. il-klijent